L-Awtorità tax-Xandir
MALTA
Broadcasting Authority

# Skema ta' Xandiriet għall-Elezzjoni Ġenerali 2026

## ELEZZJONI ĠENERALI

Skont Artiklu 13(4) tal-Att Dwar ix-Xandir, l-Awtorità tax-Xandir għandha l-obbligu li torganizza skema ta' xandiriet politiċi. B'rabta mal-Elezzjoni Ġenerali msejħa għal nhar is-Sibt 30 ta' Mejju 2026, l-Awtorità ħejjiet din l-iskema ta' xandiriet politiċi.

L-iskema tikkonsisti f'dawn il-programmi[1]:

(a) Dibattiti Politiċi
(b) Konferenzi tal-aħbarijiet
(c) Intervisti
(d) Messaġġi Finali
(e) Spots u Produzzjonijiet tal-Partiti.

L-iskema se tkun qed tkopri dawn il-programmi:

(i) total ta' ħames (5) dibattiti politiċi, bl-ewwel ikun bejn id-Deputat Mexxej tal-Partit Laburista u l-Viċi Kap tal-Partit Nazzjonalista. Żewġ (2) dibattiti politiċi oħra li se jkollhom żewġ (2) rappreżentanti kull wieħed mill-Partit Laburista u mill-Partit Nazzjonalista. Dibattitu ieħor (1) bir-rappreżentanza tal-partiti kollha li se jkunu qed jikkontestaw din l-elezzjoni. L-aħħar dibattitu jkun bejn il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni.
(ii) Konferenza tal-aħbarijiet b'tul ta' sittin (60) minuta għall-partiti l-oħra li se jkunu qed jikkontestaw f'isem il-partit eskluż il-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista. Il-partit irid jinnomina rappreżentant wieħed li jwieġeb il-mistoqsijiet tal-ġurnalisti mistiedna fl-istudio;
(iii) Total ta' mija u tletin (130) minuta bħala produzzjonijiet/spots politiċi kull wieħed għal Partit Laburista u Partit Nazzjonalista.
(iv) Lill-partiti li mhumiex imsemmija fit-(iii) se jkollhom allokat total ta' spots li jkun ekwivalenti għal erba' (4) minuti mmultiplikati bin-numru ta' kandidati li jikkontestaw f'isem il-partit.
(v) Ħames (5) minuti kull wieħed bħala intervista għall-kandidati indipendenti.
(vi) Intervista ta' għaxar (10) minuti ma' mal-Kap/rappreżentant tal-partiti li għandhom inqas minn 10 kandidati.

---

[1] L-Awtorità tirrizerva d-dritt li tirrevedi l-iskema kif jiġu finalizzati n-nominazzjonijiet ai termini ta' Kapitlu 119 tal-Kostituzzjoni

(vii) Messaġġ finali ta' ħames (5) minuti mal-kapijiet/rappreżentanti tal-partit esklużi l-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista.

**DIBATTITI:**

Total ta' ħames (5) dibattiti mqassma kif ġej:

L-ewwel dibattitu ta' madwar sittin (60) minuta li fih jieħdu sehem id-Deputat Mexxej tal-Partit Laburista u l-Viċi Kap tal-Partit Nazzjonalista.

Żewġ dibattiti ta' sittin madwar (60) minuta l-wieħed li fih jieħdu sehem żewġ (2) rappreżentanti tal-Partit Laburista u żewġ (2) rappreżentanti tal-Partit Nazzjonalista. Is-suġġett ikun magħżul mill-partit li jkun intgħażel bil-polza u it-tieni dibattitu jkun awtomatikament tat-tieni partit li jkun tela' bil-polza. Il-partiti jistgħu jagħżlu li jbiddlu l-ordni tal-kelliema fis-sens li fl-aħħar interventi jibda l-kelliem numru 2 u jagħlaq il-kelliem numru 1. Jekk ikun se jsir dan, l-Awtorità trid tiġi infurmata qabel ma jibda d-dibattitu ħalli l-parti l-oħra tkun infurmata b'dan it-tibdil. L-ordni ta' min se jkollu l-ewwel dibattitu tintgħażel bil-polza minn qabel.

Dibattitu ieħor bil-parteċipazzjoni tal-partiti kollha li se jikkontestaw din l-Elezzjoni Ġenerali 2026.

L-aħħar dibattitu ta' sittin (60) minuta, fih jieħdu sehem il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni.

Id-dibattiti kollha jkunu rrekordjati dakinhar stess li jkunu se jixxandru.

**L-ewwel dibattitu bejn id-Deputat Mexxej tal-Partit Laburista u l-Viċi Kap tal-Partit Nazzjonalista**

| | |
|---|---|
| Sigla u introduzzjoni | 2 minuti |
| Deputat Mexxej tal-Partit Laburista | 4 minuti |
| Viċi Kap tal-Partit Nazzjonalista | 4 minuti |
| Intervent miċ-Chairman | 1 minuta |
| Deputat Mexxej tal-Partit Laburista | 4 minuti |
| Viċi Kap tal-Partit Nazzjonalista | 4 minuti |
| Intervent miċ-Chairman | 1 minuta |
| Deputat Mexxej tal-Partit Laburista | 4 minuti |
| Viċi Kap tal-Partit Nazzjonalista | 4 minuti |

| | |
|---|---|
| Intervent miċ-Chairman | 1 minuta |
| Deputat Mexxej tal-Partit Laburista | 4 minuti |
| Viċi Kap tal-Partit Nazzjonalista | 4 minuti |
| Intervent miċ-Chairman | 1 minuta |
| Deputat Mexxej tal-Partit Laburista | 4 minuti |
| Viċi Kap tal-Partit Nazzjonalista | 4 minuti |
| Intervent miċ-Chairman | 1 minuta |
| Deputat Mexxej tal-Partit Laburista | 4 minuti |
| Viċi Kap tal-Partit Nazzjonalista | 4 minuti |
| Konklużjoni u għeluq u sigla | 3 minuti |

**Dibattitu – Suġġett Magħżul mill-Partit li jkun intgħażel bil-Polza**

(Parteċipazzjoni ta' erba' (4) kelliema, tnejn (2) għall-Partit Laburista u tnejn (2) għall-Partit Nazzjonalista)

| | |
|---|---|
| Sigla u introduzzjoni | 2 minuti |
| Partit A (1) | 3 minuti |
| Partit B (1) | 3 minuti |
| Partit A (2) | 3 minuti |
| Partit B (2) | 3 minuti |
| Intervent miċ-Chairman | 1 minuta |
| Partit A (1) | 3 minuti |
| Partit B (1) | 3 minuti |
| Partit A (2) | 3 minuti |
| Partit B (2) | 3 minuti |
| Intervent miċ-Chairman | 1 minuta |
| Partit A (1) | 3 minuti |
| Partit B (1) | 3 minuti |
| Partit A (2) | 3 minuti |

| | |
|---|---|
| Partit B (2) | 3 minuti |
| Intervent miċ-Chairman | 1 minuta |
| Partit A (1) | 4 minuti |
| Partit B (1) | 4 minuti |
| Partit A (2) | 4 minuti |
| Partit B (2) | 4 minuti |
| Konklużjoni u għeluq u sigla | 2 minuti |

Din ir-running order talterna fit-tieni dibattitu skont il-partit li jieħu l-preċedenza bil-polza. Il-partit tal-preċedenza huwa l-partit li jkollu s-suġġett u konsegwentement jagħlaq il-programm.

**Dibattitu bejn il-partiti kollha**

| | |
|---|---|
| Sigla Introduzzjoni | 1 minuta |
| Partit A | 2 minuti |
| Partit B | 2 minuti |
| Partit Ċ | 2 minuti |
| Partit D | 2 minuti |
| Partit E | 2 minuti |
| Partit F | 2 minuti |
| Intervent miċ-Chairman | 2 minuti |
| Partit A | 2 minuti |
| Partit B | 2 minuti |
| Partit Ċ | 2 minuti |
| Partit D | 2 minuti |
| Partit E | 2 minuti |
| Partit F | 2 minuti |
| Intervent miċ-Chairman | 2 minuti |
| Partit A | 2 minuti |
| Partit B | 2 minuti |
| Partit Ċ | 2 minuti |
| Partit D | 2 minuti |

| | |
|---|---|
| Partit E | 2 minuti |
| Partit F | 2 minuti |
| | |
| Intervent miċ-Chairman | 2 minuti |
| | |
| Partit A | 2 minuti |
| Partit B | 2 minuti |
| Partit Ċ | 2 minuti |
| Partit D | 2 minuti |
| Partit E | 2 minuti |
| Partit F | 2 minuti |
| | |
| Konklużjoni u għeluq sigla | 2 minuti |

Din ir-running order se tkun determinata bil-polza li ssir fil-jiem ta' qabel il-programm. Il-polza tiddetermina s-sekwenza tal-kelliema. Is-suġġett ser ikun magħżul mill-Awtorità tax-Xandir.

**Dibattitu Finali bejn il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni**

Fid-dibattitu finali li jixxandar l-Erbgħa 27 ta' Mejju 2026 u li jkun bejn il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni, t-tqassim tal-ħin ikun kif ġej:

| | |
|---|---|
| Sigla u introduzzjoni | 2 minuti |
| | |
| Kap tal-Oppożizzjoni | 5 minuti |
| Prim Ministru | 5 minuti |
| | |
| Intervent miċ-Chairman | 1 minuta |
| | |
| Kap tal-Oppożizzjoni | 8 minuti |
| Prim Ministru | 8 minuti |
| | |
| Intervent miċ-Chairman | 1 minuta |
| | |
| Kap tal-Oppożizzjoni | 8 minuti |
| Prim Ministru | 8 minuti |
| | |
| Intervent miċ-Chairman | 1 minuta |
| | |
| Kap tal-Oppożizzjoni | 5 minuti |
| Prim Ministru | 5 minuti |

Konklużjoni u għeluq u sigla 3 minuti

**KONFERENZA TAL-AĦBARIJIET:**

Il-konferenza tal-aħbarijiet, ta' 60 minuta b'rappreżentant wieħed mill-partiti kollha eskluż il-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista. Is-suġġett magħżul mill-Awtorità tax-Xandir huwa "L-Elezzjoni Ġenerali 2026". Ir-rappreżentanti fil-konferenza iwieġbu għall-mistoqsijiet tal-ġurnalisti preżenti. Il-ġurnalisti preżenti jkollhom id-dritt isaqsu liema mistoqsijiet iridu mingħajr ma jidħlu f'battibekki mal-kelliem/a. Ġeneralment f'xandira ta' din ix-xorta, kull ġurnalist isaqsi tal-anqas żewġ mistoqsijiet. Jista' jkun li jkun hemm ġurnalisti li jibdew isaqsu t-tielet round ta' mistoqsijiet. L-ordni ta' kif jistaqsu l-mistoqsijiet tiġi determinata bix-xorti qabel ma jibda l-programm. F'każ li l-kelliem ma jattendix għall-konferenza tal-aħbarijiet, il-ħin allokat għal din il-konferenza jintilef.

Konferenza (Suġġett jintgħażel mill-Awtorità tax-Xandir)

*Ġurnalisti preżenti:*

TVM, Allied Newspapers, Kulħadd, MediaLink, MediaToday, Standard Publications, Union Print.

Fil-każ ta' konferenza tal-aħbarijiet, il-format irid ikun hekk :

| | | | |
|---|---|---|---|
| Sigla u introduzzjoni | | | 1 minuta |
| | | | |
| Ġurnalist 1 | 30 sekonda | Partit A | 2 minuti |
| Ġurnalist 2 | 30 sekonda | Partit B | 2 minuti |
| Ġurnalist 3 | 30 sekonda | Partit C | 2 minuti |
| Ġurnalist 4 | 30 sekonda | Partit D | 2 minuti |
| Ġurnalist 5 | 30 sekonda | Partit A | 2 minuti |
| Ġurnalist 6 | 30 sekonda | Partit B | 2 minuti |
| Ġurnalist 7 | 30 sekonda | Partit C | 2 minuti |
| | | | |
| Intervent miċ-Chairman | 30 sekonda | | |
| | | | |
| Ġurnalist 1 | 30 sekonda | Partit B | 2 minuti |
| Ġurnalist 2 | 30 sekonda | Partit C | 2 minuti |
| Ġurnalist 3 | 30 sekonda | Partit D | 2 minuti |
| Ġurnalist 4 | 30 sekonda | Partit A | 2 minuti |
| Ġurnalist 5 | 30 sekonda | Partit B | 2 minuti |
| Ġurnalist 6 | 30 sekonda | Partit C | 2 minuti |
| Ġurnalist 7 | 30 sekonda | Partit D | 2 minuti |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Intervent miċ-Chairman | 30 sekonda | | |
| | | | |
| Ġurnalist 1 | 30 sekonda | Partit C | 2 minuti |
| Ġurnalist 2 | 30 sekonda | Partit D | 2 minuti |
| Ġurnalist 3 | 30 sekonda | Partit A | 2 minuti |
| Ġurnalist 4 | 30 sekonda | Partit B | 2 minuti |
| Ġurnalist 5 | 30 sekonda | Partit C | 2 minuti |
| Ġurnalist 6 | 30 sekonda | Partit D | 2 minuti |
| Ġurnalist 7 | 30 sekonda | Partit A | 2 minuti |
| | | | |
| Intervent miċ-Chairman | 30 sekonda | | |
| | | | |
| Ġurnalist 1 | 30 sekonda | Partit D | 2 minuti |
| Ġurnalist 2 | 30 sekonda | Partit A | 2 minuti |
| Ġurnalist 3 | 30 sekonda | Partit B | 2 minuti |
| Ġurnalist 4 | 30 sekonda | Partit C | 2 minuti |
| Ġurnalist 5 | 30 sekonda | Partit D | 2 minuti |
| Ġurnalist 6 | 30 sekonda | Partit A | 2 minuti |
| Ġurnalist 7 | 30 sekonda | Partit B | 2 minuti |
| | | | |
| Konklużjoni u għeluq | | | 2 minuti |

**INTERVISTI**

Intervista ta' għaxar (10) minuti mal-Kap/rappreżentant tal-partiti li għandhom inqas minn 10 kandidati u l-intervisti ta' ħames (5) minuti l-waħda mal-kandidat indipendenti b'format ta' one-to-one interview.

**PRODUZZJONIJIET U SPOTS POLITIĊI:**

Total ta' mija u tletin (130) minuta bħala produzzjonijiet/spots politiċi kull wieħed għal Partit Laburista u Partit Nazzjonalista. Il-partiti l-oħra se jkollhom allokat total ta' spots li jkun ekwivalenti għal erba' (4) minuti mmultiplikati bin-numru ta' kandidati li jikkontestaw f'isem il-partit.

## Proċedura Ġenerali

Ix-xandiriet tad-dibattiti, intervisti u messaġġi politiċi jsiru fuq TVM u simultanjament fuq Radju Malta u jixxandru għall-ħabta tad-21:15. L-ispots u l-produzzjonijiet jistgħu jiġu skedati kemm

fuq TVM u anke TVM+ skont l-għażla tal-partit li jkun qed jibbukkja. L-iskema tinqasam fuq 18-il ġurnata u tibda mit-Tnejn 11 ta' Mejju u tintemm nhar il-Ħamis 28 ta' Mejju, 2026. Iż-żewġ dati inklużi.

L-Awtorità tax-Xandir iżżomm il-jedd tal-copyright tat-trasmissjonijiet kollha li jsiru f'din l-iskema.

Jekk xi partit ma jagħmilx użu mill-ħin allokat għalih għad-dibattiti, konferenzi tal-aħbarijiet, intervista jew spots/produzzjonijiet, allura jintilef id-dritt tal-programm u l-ħin allokat għalih. F'każ li partit jonqos li jattendi l-konferenza tal-aħbarijiet fejn se jkun hemm iktar minn partit wieħed, allura l-Awtorità tieħu deċiżjoni li tiġi kkomunikata lill-partijiet mill-aktar fis possibli u l-programm jitkompla bin-numru ta' partiti preżenti. F'każ li kelliem ikun indispost, il-partit jista' jibgħat rappreżentant ieħor. Dan it-tibdil jista' jsir f'każijiet ta' saħħa u għandha tiġi infurmata l-Awtorità immedjatament b'dan it-tibdil biex il-partijiet l-oħra jkunu avżati b'dan it-tibdil. Dan it-tibdil jista' jsir f'każijiet eċċezzjonali biss.

Kull partit għandu d-dritt li jinnomina tliet (3) osservaturi biss u li jkunu rappreżentanti tal-partit biex jattendu għal kull programm bħala osservaturi. L-ismijiet u n-numru tal-karta tal-identità ta' dawn l-individwi għandhom jaslu għand l-Awtorità erbgħa w għoxrin (24) siegħa qabel ir-recording tal-programm. Ħadd aktar ma jitħalla jidħol fil-bini tal-PBS jekk ma jkunx awtorizzat li jagħmel dan skont din il-proċedura. Dawn ir-rappreżentanti ma jistgħux jibqgħu fl-istudio jew control room meta jkun qed isir ir-recording tal-programm.

Fil-każ tad-dibattiti, l-partiti jintrabtu li jibagħtu l-ismijiet tal-kelliema bil-miktub sa tmienja u erbgħin (48) siegħa qabel ir-recording tal-programm. Kif dawn jiġu kkomunikati, l-Awtorità tibgħat id-dettalji tal-kelliema lill-partijiet l-oħra. Bdil ta' parteċipanti jitħalla biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali u jrid isir bil-miktub. Dan jerġa' jiġi kkomunikat lill-partijiet l-oħra iżda l-partijiet l-oħra ma jistgħux jagħmlu tibdil. F'każ li recording ikun se jsir nhar ta' Tnejn, allura l-ismijiet KOLLHA jridu jiġu kkomunikati lill-Awtorità sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa.

Mhux permissibbli li xi partit jagħmel użu minn produzzjoni waqt xi dibattitu jew konferenza tal-aħbarijiet, inkluż il-messaġġi finali. Lanqas mhu permissibbli li jinġiebu xi posters jew banners jew affarijiet oħra għal waqt id-dibattitu/konferenza tal-aħbarijiet jew messaġġ finali.

Id-dibattiti jiġu rekordjati minn qabel. Ir-recording ta' kull programm isir dakinhar stess, ħlief għall-intervisti. Dawn ir-recordings huma maħsuba li se jsiru fil-11:00. Il-partiti jiġu mgħarrfa bil-ħin u d-data tar-recording bil-miktub mill-Awtorità.

Huwa l-obbligu tal-partiti li jiżguraw li jinfurmaw lir-rappreżentanti li se jieħdu sehem fil-programm bil-ħin tar-recording. L-Awtorità se tkun qed tikkomunika dak kollu li għandu x'jaqsam ma' din l-iskema bil-miktub (permezz ta' emails jew ittri) mas-segwenti: Direttur tal-Komunikazzjoni tal-Partit Laburista, Direttur Informazzjoni tal-Partit Nazzjonalista, u s-

Segretarji Ġenerali tal-partiti l-oħra.

Fir-rigward tad-dibattiti bejn il-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista, l-ordni ta' liema dibattitu se jkun qed jixxandar l-ewwel jiġi magħżul bix-xorti. Fir-rigward tad-dibattitu tad-Deputati Mexxejja u d-dibattitu tal-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni, ir-running order hija kif indikata aktar qabel f'din l-istess skema.

Iċ-Chairperson li jmexxi dawn il-programmi għandu jkun moderatur u jipparteċipa fid-diskussjoni, liema parteċipazzjoni tkun regolata mill-uffiċjali tal-Awtorità f'każ ta' bżonn. Iżda ġurnata jew jiem qabel ir-recording bi ftehim mal-partijiet kollha tittella' laqgħa fil-bini tal-Awtorità bejn iċ-Chairperson u r-rappreżentanti tal-partit/kelliema biex niddiskutu l-andament u l-kontenut tad-dibattitu u jiġu maħsuba it-temi tal-mistoqsijiet. Madankollu, l-parteċipanti kollha f'dawn il-programmi għandhom joqogħdu għall-istruzzjonijiet u direzzjoni mogħtija miċ-Chairperson waqt il-programm.

Iċ-Chairpersons li se jmexxu l-programmi f'din l-iskema se jkunu Mario Micallef u Liam Carter.

L-ebda persuna ma titħalla toqgħod fl-istudio jew fil-control room meta jibda r-recording. Ir-rappreżentanti tal-partiti kif ukoll ġurnalisti li jagħmlu talba sabiex isegwu l-programm għandhom jagħmlu dan mill-kmamar identifikati apposta mill-Awtorità fil-bini tal-PBS. Il-ġurnalisti u l-camerapersons li jiġu jirrapurtaw id-dibattiti/intervisti wkoll iridu jagħtu n-numru tal-karta tal-identità lill-Awtorità filgħodu kmieni dakinhar stess li jkun se jiġi rrekordjat il-programm.

Filmati u ritratti tad-dibattiti jistgħu jittieħdu biss qabel jibda l-programm. Min jiġi tard għal dawn id-dibattiti ma jitħalliex jidħol fl-istudio.

Il-kontenut ta' kull programm huwa meqjus embargoed sakemm jixxandar fuq TVM/Radju Malta. Ġurnalisti jingħataw l-opportunità li jsegwu r-recording ħalli jkunu jistgħu jagħmlu r-rapporti tagħhom. Kopja tal-programm tkun tista' tingħata wara r-recording tal-programm mir-rappreżentanti tal-Awtorità.

**SPOTS/PRODUZZJONIJIET**

Kull spot/produzzjoni tal-partiti jrid ikollha l-logo tal-partit jidher fin-naħa t'isfel tal-iscreen.

F'każ ta' sensiela ta' spots ta' partiti differenti li jixxandru wara xulxin, dawn jinfirdu b'jingle tal-Awtorità tax-Xandir. Iżda partit ma jistax jagħmel aktar minn reklam wieħed f'kull batch ta' reklami.

Kull spot għandu jkun ta' minimu ta' ħamsa u għoxrin (25) sekonda u ma jkunx itwal minn ħames (5) minuti. Madankollu l-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista qed jiġu allokati total

ta’ 15-il minuta li jikkonsistu fi spots ta’ għaxar (10) sekondi filwaqt li l-partiti l-oħra qed jiġu allokati lilhom total ta’ għaxar (10) minuti li jistgħu jintużaw bħala spots ta’ għaxar (10) sekondi. Jekk il-partiti ma jużawx il-15-il minuta jew l-għaxar (10) minuti fi spots b’għaxar (10) sekondi il-ħin ma jintilifx u jistgħu jintużaw b’tul differenti.

Minn total ta’ mija u tletin (130) minuta ta’ spots/produzzjonijiet li l-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista għandhom kull wieħed, jistgħu jużaw massimu ta’ tletin (30) minuta fl-aħħar erbat ijiem tal-kampanja u cioè bejn it-Tnejn 25 ta’ Mejju u l-Ħamis 28 ta’ Mejju. Minn dawn jistgħu jagħmlu użu minn total ta’ ħames (5) minuti fi spots ta’ għaxar (10) sekondi (total ta’ tletin (30) spot).

Il-partiti l-oħra jistgħu jħallu sa massimu ta’ għaxar (10) minuti fl-aħħar erbat (4) ijiem tal-kampanja u cioè bejn it-Tnejn 25 ta’ Mejju u l-Ħamis 28 ta’ Mejju. Minn dawn jistgħu jagħmlu użu minn total ta’ tliet (3) minuti fi spots ta’ għaxar (10) sekondi (total ta’ 18-il spot).

L-ispots jistgħu jixxandru fi kwalunkwe ħin tal-ġurnata magħżul mill-partiti b’20% mill-ispots tal-Partit Laburista u tal-Partit Nazzjonalista (erbgħa u għoxrin (24) minuta għall-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista) iridu jixxandru bejn is-13:00 u s-18:00. F’każ li spot jew produzzjoni tiġi inkluża waqt programm u dan il-programm ikollu ripetizzjoni matul ħin ieħor, din l-ispot/produzzjoni ma terġax tixxandar. L-ebda spot ma jitħalla jixxandar waqt il-break kummerċjali tal-aħbarijiet tat-20:00. Il-booking ta’ kull spot għandu jsir b’mod ċar u indikat eżatt f’liema slot u sekwenza il-partit ikun irid jurih (per eżempju: l-ewwel spot fl-ewwel break tal-programm [isem il-programm]). Jekk ikun hemm talba li spot jixxandar qabel il-programm, dan ikun ifisser qabel is-sigla tal-programm. L-ebda partit ma jista’ jalloka aktar minn spot wieħed fl-istess break.

Fil-każ tas-serati kollha tal-Eurovision Song Contest li jiġi mxandar mill-PBS, il-partiti jistgħu jallokaw biss spots politiċi qabel il-festival u wara li jispiċċa l-festival. Kull partit jista’ jalloka biss sa massimu ta’ żewġ minuti qabel il-festival/xandira ta’ dan it-tip. F’każ li jkun hemm bookings waqt il-kampjonati tal-football lokali u/jew internazzjonali dawn jistgħu jsiru biss qabel u/jew wara l-partita.

Il-*bookings* tal-ispots/produzzjonijiet għandhom isiru mad-Dipartiment tal-Monitoring fuq l-indirizz spots.ba@ba.org.mt u tkun ikkupjata l-Kap Eżekuttiv fuq joanna.spiteri@ba.org.mt bażi ta’ ġimgħa ġimgħa. Għaldaqstant il-ġimgħat se jiġu kkalkulati mit-Tnejn sal-Ħadd bl-aħħar erbat (4) ijiem tal-kampanja jkunu bejn it-Tnejn u l-Ħamis ta’ qabel l-elezzjoni ġenerali.

Il-bookings ta’ kull ġimgħa għandhom jaslu għand l-Awtorità sa mhux aktar tard minn l-Erbgħa tal-ġimgħa ta’ qabel ma jkunu se jintwerew il-produzzjonijiet/spots, ħlief għall-ewwel ġimgħa tal-kampanja f’din l-iskema li jistgħu sat-Tnejn 11 ta’ Mejju 2026 sa nofsinhar. Kull produzzjoni/spot għandha tasal għand l-Awtorità tmienja u erbgħin (48) siegħa qabel ma tkun se tixxandar. L-Awtorità tirriserva d-dritt li tikkanċella booking ta’ spot jew produzzjoni f’każ li

dan ma jasalx għand l-Awtorità, tmienja u erbgħin (48) siegħa qabel m'għandu jixxandar. F'każ li spot ikun se jixxandar il-Ħadd, dan għandu jasal għand l-Awtorità sal-Ġimgħa f'nofsinhar. Din il-proċedura ta' bookings issir biex tinħadem rotazzjoni f'każ li jkun hemm kunflitt bejn spots politiċi minn partiti differenti. F'każ li l-bookings ta' xi partit ma jaslux fil-ħin indikat f'din l-iskema, l-Awtorità tirriżerva d-dritt li dak il-partit jitlef id-dritt li jkun parti mir-rotazzjoni għal dik il-ġurnata partikolari.

F'każ li jkun hemm aktar minn booking wieħed għall-istess ħin, tinħadem sistema ta' rotazzjoni li tiġi kkomunikata lill-partiti. Din tinħadem ġimgħa b'ġimgħa.

Huma l-uffiċjali tal-Awtorità tax-Xandir li jikkordinaw mal-PBS għax-xandir tal-ispots u produzzjonijiet. Il-kopja oriġinali tal-ispots tintbagħat lill-Awtorità u tkun din l-istess kopja li l-uffiċjali tal-Awtorità jwasslu għand il-PBS.

F'każ li spot ma jixxandarx minħabba qtugħ fit-trasmissjoni tas-sistema 'free to air' il-partiti milquta jkollhom id-dritt li jxandru tali spots f'ħin ieħor wara li jsir ftehim mal-Awtorità. Qtugħ fit-trasmissjoni tfisser qtugħ fis-sors tal-istazzjon (i.e. TVM) u mhux qtugħ f'xi lokalità jew lokalitajiet.

Il-partiti jintrabtu li jiffirmaw l-indemnity form f'Appendiċi I ma' din il-proċedura. Din għandha tasal għand l-Awtorità sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn 11 ta' Mejju 2026 jew mhux qabel ma tintalab ix-xandira ta' spot/produzzjoni. Ma jitħallewx jixxandru spots jew produzzjonijiet sakemm il-partit ma jkunx iddepożita l-indemnity form mal-Awtorità tax-Xandir.

L-Awtorità tfakkar li f'każ fejn ikun hemm użu ta' minuri fi spots politiċi l-partiti għandhom jaraw li jkun hemm bil-miktub il-kunsens tal-ġenituri. F'każ li jkun hemm tfal f'attivitajiet politiċi dawn għandhom jintwerew b'mod inċidentali mingħajr il-ħtieġa ta' użu ta' close ups jew teknika oħra.

Filwaqt li l-Awtorità tax-Xandir ma tidħolx fil-mertu tal-kontenut, l-Awtorità tipprojbixxi li dawn l-ispots jintużaw sabiex issir promozzjoni cross medium fis-sens illi jiġu promossi xandiriet fuq servizzi ta' medja oħra.

L-ispots/produzzjonijiet għandhom jingħataw fuq pen drive jew external disc jew permezz ta' wetransfer lill-Kap Eżekuttiv. F'każ ta' wetransfer, il-partit għandu jinforma lill-Awtorità li jkun intbagħat il-file. Il-partiti għandhom jiżguraw li l-format li fuqu jitwassal l-ispot/produzzjoni jkun l-istess format kif inhu indikat fl-Appendiċi II.

L-Awtorità tax-Xandir
MALTA
Broadcasting Authority

**Appendix I**

**Form of Indemnity in connection with General Election Broadcasts (for political parties)**

Today the day of May 2026 each of the parties here undersigned taking part in the scheme of General Election Broadcasts organised by the Broadcasting Authority for the period 11th May till 28th May 2026 shall not knowingly include in any political spot or message by a candidate provided by them in any manner whatsoever and in particular whether by way of visual images, sounds, words, music, pictorial representations or actions any defamatory, seditious, libellous, offensive or any matter which constitutes an injurious falsehood or slander of title or any tort or of an infringement of any monopoly, copyright, trademark, patent or other similar criminal offence or contempt of court or breach or Parliamentary privilege or which violates the provisions of any law and shall at all times indemnify and keep the Authority, the PBS Limited and the other parties participating in this scheme indemnified from and against all claims, costs, damages, penalties, expenses and proceedings occasioned to or incurred by the Authority and the parties in consequence of the inclusion (whether knowingly or not) in any party production or political spot provided by them of any such matter.

Provided that this indemnity is being limited to the extent that the Broadcasting Authority, PBS Limited and the other parties participating in this scheme may have as a result of the above been ordered to pay such claims, costs, damages, penalties, and expenses, judicial or otherwise, by a court of law in a final judgement.

Provided also that the Broadcasting Authority, PBS Limited and/or the other parties, as the case may be, shall not later than eight days after a claim is made inform the party concerned of the claim and/or judicial or other proceedings against them as aforesaid, and such party shall be entitled to assist and defend jointly with the Broadcasting Authority, PBS Limited and/or other party, the said claim.

For and on behalf of (insert name of party) ____________________________

Name and surname ____________________________

Official Position in the Party ____________________________

Date ____________________________

Signature ____________________________

L-Awtorità tax-Xandir
MALTA
Broadcasting Authority

**Appendix I**

**Form of Indemnity in connection with**
**General Election Broadcasts**
**(for independent candidates)**

Today the day of May 2026 each of the parties here undersigned taking part in the scheme of General Election Broadcasts organised by the Broadcasting Authority for the period 11th May till 28th May 2026 shall not knowingly include in any political spot or message by a candidate provided by them in any manner whatsoever and in particular whether by way of visual images, sounds, words, music, pictorial representations or actions any defamatory, seditious, libellous, offensive or any matter which constitutes an injurious falsehood or slander of title or any tort or of an infringement of any monopoly, copyright, trademark, patent or other similar criminal offence or contempt of court or breach or Parliamentary privilege or which violates the provisions of any law and shall at all times indemnify and keep the Authority, the PBS Limited and the other parties participating in this scheme indemnified from and against all claims, costs, damages, penalties, expenses and proceedings occasioned to or incurred by the Authority and the parties in consequence of the inclusion (whether knowingly or not) in any party production or political spot provided by them of any such matter.

Provided that this indemnity is being limited to the extent that the Broadcasting Authority, PBS Limited and the other parties participating in this scheme may have as a result of the above been ordered to pay such claims, costs, damages, penalties, and expenses, judicial or otherwise, by a court of law in a final judgement.

Provided also that the Broadcasting Authority, PBS Limited and/or the other parties, as the case may be, shall not later than eight days after a claim is made inform the party concerned of the claim and/or judicial or other proceedings against them as aforesaid, and such party shall be entitled to assist and defend jointly with the Broadcasting Authority, PBS Limited and/or other party, the said claim.

For and on behalf of (insert name of party) ______________________________

Name and surname ______________________________

Date ______________________________

Signature ______________________________

**Appendiċi 1**

**Stqarrija ta' ħelsien mir-responsabbiltà b'rabta ma' L-Elezzjonijiet Ġenerali 2026 (għall-Partiti Politiċi)**

Illum, ta' Mejju 2026, kull partit politiku, moviment u kandidat indipendenti msemmi hawn taħt li qed jieħu sehem fl-iskema tax-Xandiriet Politiċi mtella' mill-Awtorità tax-Xandir bejn 11 ta' Mejju u t-28 ta' Mejju 2026 qed jagħti kelmtu li, sa fejn jaf hu, bl-ebda mod mhu se jipprova jdaħħal f'xi riklam jew messaġġ politiku tiegħu—l-iktar bi stampi, ħsejjes, kliem, mużika, xbiehat jew għemil jew imġibiet— materjal li jimmalafama, ixewwex, jillibella, joffendi jew li huwa msejjes fuq gidba li tagħmel il-ħsara; jew inġurji tal-isem; jew delitti kontra jew ksur ta' xi monopolju, jedd tal-awtur, trademark, privattiva industrijali; jew xi reat kriminali jew disprezz tal-qorti; jew ksur tal-privileġġi tal-Kamra tad-Deputati jew imġiba oħra li tikser id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra u għandu dejjem jagħmel tajjeb għall-Awtorità, għal PBS Limited u għall-partiti politiċi, għall-movimenti u għall-kandidati indipendenti l-oħra li qed jieħdu sehem f'din l-iskema għal kull talba, nefqa, danni, penali, spiża u proċedura li jinfetħu kontra—jew li jeħlu—l-Awtorità u l-partiti politiċi, il-movimenti u l-kandidati indipendenti minħabba li jkunu daħħlu x-xorta ta' materjal imsemmi hawn fuq (anki jekk mingħajr ma kienu jafu) f'xi produzzjoni jew riklam politiku mogħtija minnhom.

Sakemm l-Awtorità tax-Xandir, PBS Limited jew il-partiti politiċi, il-movimenti jew il-kandidati indipendenti l-oħra li qed jieħdu sehem f'din l-iskema dawn ma jkunux ġew ordnati jħallsu xi talbiet, nefqiet, danni, penali jew spejjeż, kemm tal-qorti kif ukoll dawk ta' xorta oħra, minħabba ksur marbut ma' xi ħaġa minn dawn imsemmija hawn fuq b'sentenza tal-qorti li ma tistax tiġi appellata iktar, l-ebda firmatarju mhu se jintalab jagħmel tajjeb għalihom.

L-Awtorità tax-Xandir, PBS Limited u/jew il-partiti politiċi, il-movimenti u l-kandidati indipendenti, skont min ikunu, għandhom jgħarrfu lill-partiti politiċi, lill-movimenti u lill-kandidati indipendenti bit-talba u/jew il-proċedimenti ġudizzjarji jew kull xorta oħra ta' proċedimenti msemmija f'dan id-dokument u dawk il-partiti politiċi, il-movimenti u l-kandidati indipendenti se jkollhom il-jedd li jgħinu u jiddefendu ruħhom minn dawk it-talbiet flimkien mal-Awtorità tax-Xandir, ma' PBS Limited u/jew mal-partiti politiċi, mal-movimenti u mal-kandidati indipendenti l-oħra.

Għal u f'isem (ikteb isem il-partit politiku meta jkun il-każ) ______________________________

Isem u kunjom ______________________________

Kariga uffiċjali fi ħdan il-Partit Politiku (jew moviment meta jkun il-każ) ______________________

Data ______________________________

Firma ______________________________

L-Awtorità tax-Xandir
MALTA
Broadcasting Authority

**Appendiċi 1**

**Stqarrija ta' ħelsien mir-responsabbiltà b'rabta ma'**
**L-Elezzjonijiet Ġenerali 2026**
**(Għall-kandidati indipendenti)**

Illum,         ta' Mejju 2026, kull partit politiku, moviment u kandidat indipendenti msemmi hawn taħt li qed jieħu sehem fl-iskema tax-Xandiriet Politiċi mtella' mill-Awtorità tax-Xandir bejn 11 ta' Mejju u t-28 ta' Mejju 2026 qed jagħti kelmtu li, sa fejn jaf hu, bl-ebda mod mhu se jipprova jdaħħal f'xi riklam jew messaġġ politiku tiegħu—l-iktar bi stampi, ħsejjes, kliem, mużika, xbiehat jew għemil jew imġibiet— materjal li jimmalafama, ixewwex, jillibella, joffendi jew li huwa msejjes fuq gidba li tagħmel il-ħsara; jew inġurji tal-isem; jew delitti kontra jew ksur ta' xi monopolju, jedd tal-awtur, trademark, privattiva industrijali; jew xi reat kriminali jew disprezz tal-qorti; jew ksur tal-privileġġi tal-Kamra tad-Deputati jew imġiba oħra li tikser id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra u għandu dejjem jagħmel tajjeb għall-Awtorità, għal PBS Limited u għall-partiti politiċi, għall-movimenti u għall-kandidati indipendenti l-oħra li qed jieħdu sehem f'din l-iskema għal kull talba, nefqa, danni, penali, spiża u proċedura li jinfetħu kontra—jew li jeħlu—l-Awtorità u l-partiti politiċi, il-movimenti u l-kandidati indipendenti minħabba li jkunu daħħlu x-xorta ta' materjal imsemmi hawn fuq (anki jekk mingħajr ma kienu jafu) f'xi produzzjoni jew riklam politiku mogħtija minnhom.

Sakemm l-Awtorità tax-Xandir, PBS Limited jew il-partiti politiċi, il-movimenti jew il-kandidati indipendenti l-oħra li qed jieħdu sehem f'din l-iskema dawn ma jkunux ġew ordnati jħallsu xi talbiet, nefqiet, danni, penali jew spejjeż, kemm tal-qorti kif ukoll dawk ta' xorta oħra, minħabba ksur marbut ma' xi ħaġa minn dawn imsemmija hawn fuq b'sentenza tal-qorti li ma tistax tiġi appellata iktar, l-ebda firmatarju mhu se jintalab jagħmel tajjeb għalihom.

L-Awtorità tax-Xandir, PBS Limited u/jew il-partiti politiċi, il-movimenti u l-kandidati indipendenti, skont min ikunu, għandhom jgħarrfu lill-partiti politiċi, lill-movimenti u lill-kandidati indipendenti bit-talba u/jew il-proċedimenti ġudizzjarji jew kull xorta oħra ta' proċedimenti msemmija f'dan id-dokument u dawk il-partiti politiċi, il-movimenti u l-kandidati indipendenti se jkollhom il-jedd li jgħinu u jiddefendu ruħhom minn dawk it-talbiet flimkien mal-Awtorità tax-Xandir, ma' PBS Limited u/jew mal-partiti politiċi, mal-movimenti u mal-kandidati indipendenti l-oħra.

Għal u f'isem (ikteb isem il-partit politiku meta jkun il-każ) ________________________________

Isem u kunjom ________________________________

Data ________________________________

Firma ________________________________

L-Awtorità tax-Xandir
MALTA
Broadcasting Authority

**Appendix II**

**TECHNICAL FORMAT AND SPECS FOR THE POLITICAL BROADCAST SCHEME 2026**

**PROGRAMMES**

| | |
|---|---|
| Format | *XDCAM HD422 Op1a 1080i50 - 'xd5c'Mbps* |
| Bit Rate | *50.1 Mbit/s* |
| Bit Depth | *8bits/channel* |
| Rate | *25 fps Interlaced (upper field First)* |
| Display/Encoded Size | *1920 x 1080* |
| Audio | *Stereo Ch1 & 2 L&R should be wrapped within the MXF Op1a file specification. Audio tracks must be accurately matched, correctly balanced and in-phase throughout with the true peak should be at -12dbs and the long term at -23dbs.* |
| Time Code | *The time code of the programme should be continuous and the first frame of the programme should start at 01.00.00.00.* |
| Text | *All text and logos should be within the safe area* |

**Appendiċi III**

# XANDIRIET POLITIĊI
# 2026

| Tnejn | Tlieta | Erbgha | Ħamis | Ġimgħa | Sibt | Ħadd |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 27 | 28 | 29 | 30 | Mejju 1 | 2 | 3 |
| 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 |
| 11 Dibattitu Deputy Leaders | 12 | 13 | 14 | 15 Dibattitu PL vs PN | 16 | 17 |
| 18 Konferenza tal-Aħbarijiet | 19 Intervista mal-ADPD / Aħwa Maltin / Imperium Europa / Momentum | 20 | 21 | 22 Dibattitu PL vs PN | 23 Intervista kandidati indipendenti | 24 |
| 25 Dibattitu Partiti | 26 Messaġġi Kapijiet (ADPD / Aħwa Maltin / Imperium Europa / Momentum) | 27 Dibattitu PM u Kap tal-Oppożizzjoni | 28 | 29 | 30 | 31 |